ĦARĠA NUMRU 23 - ĦARIFA 2020

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# Editorjal

Għeżież qarrejja,

Nittama li kellkom sajf mill-isbaħ u forsi ħadtu l-opportunità li tgawdu ftit jiem ta' mistrieħ mill-ħajja mgħaġġla li ġġib magħha r-rutina tax-xitwa. Dħalna fl-istaġun tal-ħarifa u bħal kull staġun qed nippubblikaw ħarġa oħra ta' *Nisġet Artna*.

Għalkemm il-ħarifa ġġib magħha temp iktar fietel u miegħu anki xi maltempati, il-klima f'pajjiżna tibqa' tippermetti li wieħed ikompli jgawdi l-baħar jew anki jieħu l-opportunità li jżur il-kampanja permezz ta' xi mixja jew anki piknik fuq il-ħaxix mal-familjari u l-ħbieb.

Dan l-istaġun huwa importanti ħafna għas-settur agrikolu għaliex il-bidwi jibda l-preparazzjonijiet fir-raba' għall-uċuħ tax-xitwa. Permezz tal-ħidma tal-bidwi, fil-kċina napprezzaw iktar varjetà ta' ħxejjex u jerġa' jibda jissajjar ikel sħun bħall-minestra, il-kawlata u xi dixx patata l-forn.

F'din il-ħarġa għandna għalikom ħafna artikli interessanti fosthom fuq il-Vendemmja, il-kultivazzjoni tal-qronfol, il-ħamrija ta' Malta, il-ftuħ tal-ewwel bank nazzjonali tal-ġenetika, u ħafna oħrajn li ninsab ċerta li se jinteressaw lilkom il-qarrejja.

Nittama li din il-ħarġa terġa' tintlaqa' tajjeb magħkom il-qarrejja u ssibuha ta' interess. Infakkarkom ukoll sabiex issegwu l-paġna Nisġet Artna fuq Facebook ħalli dejjem tibqgħu aġġornati bl-affarijiet li jkunu għaddejjin fi ħdan is-settur.

Tislijiet,
**Claire Cauchi**

# Nisġet artna

Pubblikazzjoni maħruġa
mill-Ministeru għall-Agrikoltura,
Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Dipartiment għall-Affarijiet Rurali**
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
Il-Marsa, MRS3303




*Ritratt meħud minn Emanuel Cauchi*

**Editur**
Claire Cauchi

**Qari tal-provi**
Proofreading Malta

**Kontributuri**
David Bartolo
Mario Micallef
Joseph Borg
Jason Sammut
Ian Falzon
Samuel Sciberras
Darren Cassar
Kriss Debono
Natalie Spiteri D'Amato
Robert Cutajar
Kenneth Cassar
Emanuel Azzopardi
Luke Zammit
Maria Micallef

**Stampar**
Government Printing Press

**Disinn**
Outlook coop

# Il-Werrej

**03** L-Introduzzjoni tal-Ministru

**04** Il-Ħamrija ta'Malta

**05** L-Ewwel Bank Nazzjonali tal-Ġenetika biex Jinċentiva r-Riċerka u Jissaħħaħ is-Settur Agrikolu

**06-07** Il-Kultivazzjoni tal-Qronfol fis-Serer

**08** L-Importanza tar-Raba' għall-Għasafar f'Malta

**09** €500,000 Għal Iktar Effiċjenza u Inqas Impatt ambjentali fl-Operat tal-Biċċerija Pubblika

**10** Miżura 4.1: Appoġġ Għall-Investimenti f'Azjendi Agrikoli

**11** Ir-Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agrialimentari Tradizzjonali ta' Malta

**12-13** Cross Compliance u l-AgriConnect Farm Advisory Service

**14** Kappelli Marbuta mal-Pesta

**15** It-Tnedija tar-Riforma tal-Pitkalija

**16** Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali Jżid l-Impenn Tiegħu b'Inizjattivi Innovattivi

**17** Is-Seba' Proposti 2020 għall-Ħarsien u d-Drittijiet tal-Annimali f'Malta

**18-19** Il-Vendemmja: Ix-Xogħol Imwettaq mis-Sezzjoni tal-Vitikoltura u l-Enoloġija

**19** EMFF 1.23.1: Investiment f'Faċilità tal-Ħatt tal-Ħut f'Marsaxlokk

**20** Il-Proġett BYTHOS

**21** It-Tnedija ta' Skema ta' Kumpens lis-Sajjieda

**22** Artiklu għat-Tfal

**23** Riċetti

# L-Introduzzjoni tal-Ministru



**Anton Refalo**
Ministru għall-Agrikoltura,
Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Għeżież qarrejja,

F'din il-pubblikazzjoni xtaqt naqsam magħkom ftit mill-ħidma mwettqa tul dawn l-aħħar xhur.

Il-Ministeru tagħna hu bla dubju ta' xejn wieħed ferm importanti għaliex jinkorpora tliet oqsma li partikolarment tnejn minnhom jolqtuna fil-ħajja ta' kuljum: l-Agrikoltura u s-Sajd, u qasam ieħor li jassumi importanza partikolari għax jolqot id-drittijiet tal-annimali li rridu ngħixu magħhom f'armonija.

Il-ħidma tagħna kienet mhux biss iffokata lokalment iżda nfirxet ukoll barra minn xtutna. Minkejja r-restrizzjonijiet ta' safar, xorta waħda ħadna sehem f'konferenzi permezz tal-mezzi virtwali. Fost dawn ipparteċipajna regolarment fl-Agrifish Council tal-Unjoni Ewropea u għamilna l-interventi għaqlin tagħna.

Lokalment nedejna diversi servizzi u kampanji, ilkoll intiżi biex itejbu l-kamp tax-xogħol kif ukoll sabiex nassiguraw illi l-konsumatur ikun qed jieħu l-aħjar. Fost dawn nedejna l-kampanja "Agħżel il-Bnin... Agħżel il-Frisk" sabiex il-lokal, mhux biss japprezza xogħol il-bidwi Malti, iżda jkun servut bl-aħjar prodott agrikolu.

Jekk nagħtu ħarsa lejn l-Agrikoltura, riċentament ġie varat il-proġett ambizzjuż tar-riforma tal-pitkalija li se jkun iffokat, mhux biss biex jiġi mmodernizzat u mtejjeb l-operat inġenerali, iżda wkoll biex is-sistema tinbidel ħalli tassikura aktar trasperenza u kontinwità skont l-istandards Ewropej.

Aktar kmieni f'Lulju twaqqaf l-ewwel Bank Nazzjonali tal-Ġenetika li ċertament hu meqjus bħala riżorsa oħra għas-settur agrikolu. L-għan tal-Gene Bank se jkun biex iservi bħala repożitorju nazzjonali għall-pjanti slavaġ lokali fejn il-faċilità se tiġbor u taħżen żrieragħ għall-konservazzjoni u l-użu fl-Agrikoltura. Dan il-proġett ġdid b'teknoloġija avvanzata jifforma parti mill-Manifest Elettorali tal-Gvern.

Fis-Sajd kellna l-isfidi tagħna wkoll. Nedejna l-iskema tal-young fisherman, fejn il-Ministeru qed jinċentiva aktar l-involviment taż-żgħażagħ f'dan il-qasam. B'din l-iskema, il-ħajja ta' min irid jibda f'dan il-qasam hi ftit aktar faċli. F'dan il-qasam komplejna ninvestu fis-sajjied lokali fejn iffaċilitajna l-burokrazija b'għajnuna teknika li qed noffru lis-sajjied, inkluż fi trasferimenti t'opri tal-baħar.

Is-sajd tat-tonn, fl-isfond tal-problema tal-Covid 19, ħoloq sfida ġdida li kellna nsolvuha billi ngħinu lis-sajjied finanzjarjament b'sussidju fuq kull kilo tonn maqbud. Barra minn hekk nedejna skema ta' kumpens lis-sajjieda għall-ħsarat li ġarrbu fil-maltempata ta' Frar tas-sena li għaddiet.

Finalment, fejn jidħol il-ħarsien tal-annimali, aktar kmieni din is-sena ltqajt ma' attivisti li issa huma wkoll membri tal-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali, fejn flimkien ifformulajna seba' punti li għandna naħdmu fuqhom sabiex nindirizzaw aħjar il-ġid tal-annimali u l-konsegwenti protezzjoni tagħhom. Matul din is-sena ngħataw ukoll fondi lill-Kunsilli Lokali bil-għan li jtejbu l-ħajja tal-annimali speċjalment dawk li huma stray. Permezz ta' din l-inizjattiva twettqet miżura oħra tal-manifest elettorali li minnha bbenifikaw ħamsa u għoxrin Kunsill Lokali li bejniethom se jingħataw is-somma ta' €174,466.81.

Finalment ma nistax ma naċċennax għall-fatt illi din is-sena, għalkemm kellna intopp mhux tas-soltu fil-ħidma tagħna, il-pandemija xorta offriet sfidi ġodda lill-Ministeru u lid-Dipartimenti tiegħu. Riedu joqogħdu aktar attenti illi jkun hemm provista biżżejjed ta' prodott li joħroġ minn ambjent nieqes mill-mard. Din l-isfida għelibnieha flimkien u issa qed inkomplu nħarsu 'l quddiem lejn proġetti u skemi oħra.

Tislijiet,

Anton Refalo



# Il-Ħamrija ta' Malta

Kitba ta'
MARIO MICALLEF U JOSEPH BORG
*Uffiċjali Agrikoli*

**Il-ħamrija hija meqjusa bħala l-aktar riżorsa naturali prezzjuża li mhix apprezzata wisq mis-soċjetà tal-lum. Il-ħamrija għandha rwol essenzali għall-eżistenza tagħna u għall-ambjent ta' madwarna.**

Il-ħamrija ma sservix biss bħala medium fejn jikbru l-pjanti, il-frott u l-ħxejjex, imma sservi wkoll bħala l-materjal li jżomm il-bilanċ u l-ekwilibriju tal-ekosistema. Mingħajr ħamrija, l-ilma ma jipperkolax u jissaffa u jsir tajjeb għax xorb. Mingħajr ħamrija tispiċċa l-katina tal-ikel, iċ-ċiklu tan-nitrogenu, il-bilanċ tal-konċentrazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju fl-arja, il-bilanċ tal-ossiġnu fl-arja... Ħafna affarijiet jispiċċaw!

Għalhekk, anki fuq livell Ewropew, qed jinħass il-bżonn li t-tagħrif u l-protezzjoni tal-ħamrija għandu dejjem jiżdied. Grazzi għal dan l-għarfien inħoloq is-Soil Mission Board ħalli l-pajjiżi membri kollha tal-UE jiltaqgħu biex jiddiskutu x'azzjonijiet u x'politika effettiva jistgħu jiġu addottati għall-protezzjoni u konservazzjoni aħjar tal-ħamrija.

## Ix-xena lokali

F'Malta hawn tliet tipi ta' ħamrija ewlenija u dawn huma l-ħamrija ħamra, it-trab bajjad u l-ħamrija kannella (Xerorendizinas).

Il-ħamrija l-ħamra ġġib isimha minħabba l-lewn ħamrani tagħha. Dan il-kulur partikolari huwa minħabba l-kontenut għoli ta' ossidu tal-ħadid u għandu kontenut ta' karbonat tal-kalċju ta' 2-15%. Din it-tip ta' ħamrija għandha kontenut baxx ta' nutrijenti, iżda huwa madankollu ogħla mit-tipi l-oħrajn ta' ħamrija.

Il-ħamrija kannella (Xerorendzinas) hija ta' lewn bajjad jagħti fl-aħmar b'kontenut ta' karbonat tal-kalċju ta' 58-80% u ġejja mill-ġebla tal-franka globiġerina.

Il-ħamrija griża għandha kontenut ta' karbonat tal-kalċju ta' 80-90% derivat minn ġebla frammentata globiġerina u tafal. Hija ħamrija li titqies bħala waħda li għadha żgħira kkumparata mal-oħrajn, li fiha ftit humus, u hija ffurmata bħala riżultat ta' kundizzjonijiet niexfa.

## L-erożjoni tal-ħamrija

L-erożjoni tal-ħamrija huwa l-proċess li permezz tiegħu l-ħamrija tintilef, billi l-ħamrija tiġi mkaxkra mar-riħ, jew tiddeterjora bi proċess kimiku. Dawn huma proċessi normali imma ġew mgħaġġla minħabba l-attività tal-bniedem.

Il-ħamrija tintilef ukoll minħabba d-deforestazzjoni għax tispiċċa esposta għall-elementi u tintilef ukoll minħabba użu ħażin tal-uċuħ tar-raba'. Eżempji ta' dan huwa l-użu eċċessiv ta' xi fertilizzant, il-bini, kif ukoll minħabba ħafna xita f'daqqa li tikkawża għargħar. Ħaġa oħra li tikkawża l-erożjoni tal-ħamrija hija meta art agrikola tittieħed biex jitħaffru l-barrieri jew art għall-bini. L-erożjoni tal-ħamrija ssir ukoll kawża ta' qerda jew nuqqas ta' manteniment ta' ħitan tas-sejjieħ. Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-ħitan tas-sejjieħ hu li jservi ta' lqugħ tal-ħamrija milli tinġarr mal-ilma tax-xita.

## Ir-rwol tad-Direttorat tal-Agrikoltura biex tipproteġi l-ħamrija għal skopijiet agrikoli.

Sabiex il-ħamrija tkun protetta meta jkun hemm trasferiment ta' ħamrija minn post għall-ieħor, id-Direttorat tal-Agrikoltura, li huwa responabbli minn dan il-qasam, jimxi f'konformità ma' Kapitlu 236, Att Dwar il-Konservazzjoni ta' Ħamrija Għammiela tal-1973, kif emendat bl-Att XIII tal-1983; bl-Avviż Legali 411 tal-2007; u bl-Att XXVI tal-2014. Għaldaqstant, wieħed irid ikollu permess biex imexxi l-ħamrija minn post għall-ieħor.

Kif tista' tagħmel talba għall-permess ta' trasferiment tal-ħamrija? Din tista' ssir billi wieħed iżur is-sit www.servizz.gov.mt, jagħfas fuq is-sezzjoni tal-*Ambjent, Enerġija, Biedja u Sajd*, jagħfas fuq *Biedja* għal darbtejn u mil-lista li titla' jsib *Talba għall-permess ta' Trasferiment tal-Ħamrija* li tidderiġik għall-applikazzjoni. Ladarba l-applikazzjoni tiġi sottomessa, l-uffiċjali tal-agrikoltura jagħmlu spezzjoni fuq iż-żewġ siti li tkun ser titmexxa l-ħamrija biex jiċċekkjaw li kollox jimxi f'konformità mal-liġi applikabbli. Bis-saħħa ta' din il-liġi, il-ħamrija tista' tiġi kkonservata u tista' tkun ukoll ta' għajnuna għall-bdiewa sabiex iżidu l-ħamrija għammiela u jipproduċu prodotti ta' kwalità.

# L-Ewwel Bank Nazzjonali tal-Ġenetika Biex Jinċentiva r-Riċerka u Jissaħħaħ is-Settur Agrikolu




**Il-Bank Ġenetiku Nazzjonali ilu fil-ħsieb tal-Gvern għal numru ta' snin. Il-Ministru odjern mill-ewwel il-beda ħidma biex titwettaq din il-wegħda elettorali.**

Dan il-bank ser iservi bħala repożitorju nazzjonali għal pjanti slavaġ lokali u endemiċi fejn, barra dan, il-faċilità se tiġbor u taħżen żrieragħ għall-konservazzjoni u l-użu fl-agrikoltura. Bla dubju dan il-proġett se jkun qiegħed jikkumplimenta u jassisti b'mod dirett il-ħidma sfiqa fid-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Pjanti.

Il-Bank tal-Ġenetika se jkollu l-mezzi biex jiġġenera u janalizza d-diversità ġenetika ta' żrieragħ varji, b'mod illi jiġu analizzati żrieragħ u partijiet ta' pjanti u tinħażen l-informazzjoni miksuba, f'databases appożiti. B'dan il-mod, mhux biss se nkunu qegħdin inkunu nafu aktar dwar il-pjanti tagħna, iżda se nkunu qed nikkontribwixxu u ningħaqdu fl-isforzi li qed isiru madwar id-dinja relatati kemm mas-sigurtà tal-ikel, kif ukoll mal-iżvilupp ta' varjetajiet ġodda li huma reżiljenti għall-problemi komuni bħal nixfa, salinità għolja tal-ħamrija, tibdil fil-klima, mard, u effiċjenza nutrizzjonali, fost oħrajn.

Minħabba f'hekk Malta ħasset il-ħtieġa li tiffoka serjament fuq il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tagħha speċjalment dawk tal-pjanti. Sfortunatament, il-pajjiż diġà tilef numru sostanzjali mill-flora lokali, sew selvaġġa u kif ukoll dik li kienet tintuża mill-bdiewa tagħna. Għalhekk inħasset il-ħtieġa ta' sforz reali sabiex dak li fadlilna jiġi kkonservat bl-aħjar mod possibbli. Dan iċ-ċentru, apparti li se jkun qed isaħħaħ il-wirt naturali tagħna, se jkun qed jipprovdilna wkoll għarfien u aktar sigurtà fl-ikel.

Dan il-proġett, li se jkun mgħammar b'apparat modern tal-ogħla livell, se jkun jiswa u qed isir permezz ta' investiment ta' €900,000. Il-maġġoranza ta' dawn il-flus ser jiġu minn Fondi Ewropej.

Matul dan l-aħħar żmien, saru diskussjonijiet intensivi u importanti dwar in-nefqa ta' dan il-proġett innovattiv għal Malta li fit-totalità tiegħu se tlaħħaq it-tliet miljun ewro. Dan il-bini se jkun kopert minn fondi nazzjonali waqt li t-tagħmir se jinxtara b'fondi tal-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ilu jfassal dan il-proġett innovattiv għal Malta b'teknoloġija avvanzata u ilu jħejji l-preparamenti neċessarji, mill-inqas l-2016. Id-Direttorat għall-Ħarsien mill-Pjanti ħadem u għadu qed jaħdem bis-sħiħ fuq it-twaqqif ta' dan it-tip ta' bank.



# Il-Kultivazzjoni tal-Qronfol fis-Serer



Kitba ta'
JASON SAMMUT
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan*

## Il-preparazzjoni tal-art

L-ewwel fattur importanti li jrid jiġi kkunsidrat mill-bidwi hu li l-ħamrija fejn ser jitħawwel il-qronfol tkun ħafifa, jiġifieri meta ssir it-tisqija l-ilma jiskula minnha malajr. Dan għaliex, jekk il-ħamrija tkun grassa, ix-xitel faċilment jiskalda u jmut. Importanti ħafna li l-istruttura tal-ħamrija tiġi mtejba billi tingħata demel naturali, preferibbilment dak tal-baqar. Wara li l-ħamrija tinħarat sew u fil-fond, din għandha tiġi sterilizzata preferibbilment permezz tal-użu tax-xemx (*Solarisation*) matul ix-xhur tas-sajf.

## Il-proċess mit-taħwil sal-qtugħ tal-ewwel fjuri tal-qronfol

Wara li l-ħamrija tiġi sterilizzata jkun imiss li tiġi ppreparata s-sodda fejn ser jitħawwel ix-xitel. L-ewwel li jkun irid isir hu li l-ħamrija bi dritt is-sodda tiġi maħruta ħalli l-ħamrija tiġi iktar irfinata u b'hekk ix-xitel ikun jista' jiġi mħawwel iktar faċli. Wara jiġu mifruxa erba' pajpijiet u tinfirex xibka apposta fuqhom li tkun wiesgħa metru, b'sitt kaxxi fil-wisa' tagħha. Mit-trufijiet tax-xibka jiġi mgħoddi l-fildiferru u jiġi ssikkat mill-erba' kantunieri. Biex ix-xibka tiġi infurzata sew, fit-tul tas-sodda jiġi mpoġġi ħadid forma ta' "n". Dan il-ħadid jiġi mqiegħed wieħed, wieħed bi spazju ta', bejn wieħed u ieħor, tliet metri bejn kull wieħed. L-infurzar isir billi l-fildiferru jiġi stirat għal mal-ħadida u marbut.

Wara li jsir dan ix-xogħol ikun imiss li x-xitel tal-qronfol jiġi mħawwel. Issir ħofra żgħira fin-nofs ta' kull kaxxa tax-xibka u mbagħad titpoġġa x-xitla, u l-ħamrija tiġi mrassa naqra magħha.

Hekk kif titħawwel is-sodda kollha, din trid tissaqqa tajjeb bis-sistema tal-qatra. Peress li t-taħwil tal-qronfol isir fis-sajf, importanti li, kemm jista' jkun, tisqija bil-friefet ma ssirx għaliex ikun faċli li l-qronfol jimrad bis-sadid.

Wara li x-xitel ikun ilu mħawwel għal madwar ħmistax-il ġurnata, dawn ikunu jridu jiġu mogħmija stopping. Dan ifisser li l-qalba ta' kull xitla titneħħa ħalli b'hekk, mill-għejun li jkun fadal, ikunu jistgħu joħorġu l-friegħi. Wara li s-sodda tagħlaq bil-weraq u l-faxxina tkun ta' madwar pied mill-wiċċ tal-ħamrija, ikun imiss li jsir it-tieni saff ta' xibka. Din issir bħalma tkun saret l-ewwel



waħda bid-differenza li issa ssir ftit iżjed 'il fuq mill-oħra.

Wara li ssir it-tieni xibka importanti li kull ġimgħa l-faxxina li tkun ħarġet mill-ġnub terġa' tiddaħħal 'il ġewwa. Dan isir ħalli l-passaġġi bejn sodda u oħra ma jagħlqux. Jekk il-faxxina tkompli tikber





ikun imiss li ssir xibka oħra. Ġeneralment f'kull sodda jsiru bejn tlieta u erba' saffi ta' xibka. Wara li jkun sar dan ix-xogħol kollu, ikun wasal iż-żmien biex il-bidwi jibda jaqta' l-ewwel fjur tal-qronfol. Biex il-fjuri jkunu ta' kwalità għolja importanti li fuq kull zokk jew bastun titħalla biss l-ikbar fjura. L-oħrajn għandhom jitneħħew kollha. Dan il-proċess jissejjaħ Disbudding.

Ġeneralment l-ewwel qtugħ tal-fjuri tal-qronfol isir madwar erba' xhur wara li jkun sar it-taħwil. Fil-fatt, waħda mir-raġunijiet prinċipali li t-taħwil isir fis-sajf hu ħalli l-ewwel fjuri jinqatgħu fix-xitwa fejn il-mard li jattakka l-fjura jkun ħafna inqas milli kieku kien fis-sajf.

## Mard li jaffettwa t-tkabbir kemm tax-xitla u kif ukoll tal-fjura tal-qronfol

Insibu diversi insetti, akari u mofof li jaffettwaw ix-xitla u l-fjura tal-Qronfol. Fost l-insetti nsibu l-**Whitefly** u t-**Thrips**. Il-Whitefly taffettwa l-aktar il-weraq imma l-iktar li ssir ħsara huwa mit-Thrips għax dawn jikkawżaw tbajja' bojod fuq il-fjuri. Din tkun tidher l-iktar fuq qronfol li jkollu kuluri skuri. Dawn jistgħu jiġu kkontrollati b'insettiċidi addattati.

Insibu wkoll il-brimba l-ħamra li nafuha l-aktar bħala **Red Spider**. Dan l-akaru jagħmel l-għanqbut kemm fuq il-fjura u kif ukoll fuq il-weraq. Barra minn hekk, dawn l-akari jgħixu billi jtaqqbu ċ-ċelloli tal-weraq u b'hekk jikkaġunaw tbajja' fuq il-weraq. Dawn l-akari nsibuhom l-aktar fis-sajf meta jagħmel ħafna riħ isfel u meta fis-serra jkun hemm umdità għolja. Dawn jistgħu jiġu kkontrollati billi s-serra jkollha ventilazzjoni tajba ħalli b'hekk l-umdità tinżamm kemm jista' jkun baxxa. Barra minn hekk jistgħu jiġu kkontrollati billi jintużaw xi tipi ta' akariċidi.

Mard ieħor li nsibu li jaffettwa t-tkabbir tal-qronfol hu s-**sadid**. Dan l-iktar li jinstab hu maz-zkuk tal-qronfol u li jkunu jidhru qishom boċoċ żgħar kannella u li meta t-temp ikun favorevoli dawn il-boċoċ jinfetħu u t-trab li joħroġ minn ġo fihom ikun l-ispori jew, f'termini aktar faċli, 'iż-żerriegħa' ta' din it-tip ta' moffa. Din tista' tiġi kkontrollata billi jkollna ventilazzjoni tajba fis-serra. Barra minn hekk, meta ssir it-tisqija, din m'għandhiex issir bil-friefet ħalli kemm jista' jkun il-weraq ma nżommuhomx imxarrbin. Fuq kollox, dan it-tip ta' fungu nistgħu nikkontrollawh billi nużaw fungiċidi addattati.

## Noti importanti waqt it-tkabbir tal-qronfol

- Importanti ħafna li t-twieqi tas-serer ikunu magħluqin b'xibka fina ħalli b'hekk innaqqsu l-ammont kemm ta' insetti kif ukoll ta' akari milli jidħlu ġewwa.
- Il-madwar tas-serra jrid ikun nadif minn kull ħaxix selvaġġ ħalli b'hekk innaqqsu r-riskju tal-mard milli jidħol fis-serra.
- Il-bexx li jsir fit-tkabbir tal-qronfol isir filgħodu ħalli b'hekk il-faxxina ma tkunx imxarrba għal mal-lejl. B'hekk innaqqsu r-riskju ta' ċertu mard.



# L-Importanza tar-Raba' Għall-Għasafar f'Malta

Kitba ta'
IAN FALZON
*fiċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akwatika u Xjenzi tal-Annimali tal-MCAST*

**L-avifawna – jiġifieri l-għasafar – hija għal qalb ħafna nies. Madankollu, wieħed ftit jista' jiċħad li l-ambjent naturali Malti kulma jmur qiegħed dejjem jonqos u t-tjur qegħdin isibu dejjem anqas postijiet ta' kenn meta jgħaddu minn fuq Malta waqt il-passa tagħhom.**

L-art agrikola, filwaqt li hija ta' valur għall-bniedem minħabba li tipproduċi l-ikel, hija wkoll abitat essenzjali għal ħafna għasafar, inkluż uħud li qegħdin jonqsu fuq skala Ewropea u internazzjonali.

Studju li sar minn studenta fiċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akwatika u Xjenzi tal-Annimali tal-MCAST kellu l-għan li jistudja dan il-valur u l-importanza tar-raba' għall-għasafar li jqattgħu x-xitwa u l-bidu tar-rebbiegħa ġewwa Malta.

Id-data li nġabret intużat biex tikkumpara tliet uċuħ agrikoli — raba' bid-dwieli, raba' bis-siġar taż-żebbuġ u raba' mistrieħ. Dan l-istudju sar fin-naħa t'isfel ta' Malta u saru tmienja u erbgħin survey tul l-istaġun imsemmi. Ittieħdet nota tal-ispeċi li żaru l-għelieqi, l-abbundanza u l-frekwenza tagħhom, u kif ukoll x'tip ta' mġiba kellhom.

L-akbar abbundanza ta' għasafar imkejla kienet dik fir-raba' bid-dwieli u l-anqas fir-raba' mistrieħ. Dan jikkonferma kemm il-bidwi għandu rwol importanti, mhux biss bħala produttur, iżda anke bħala gwardjan tal-ambjent.

Sittax-il speċi differenti ġew osservati jużaw ir-raba', kemm bħala post ta' waqfien, u kif ukoll biex ifittxu l-ikel jew jinteraġixxu bejniethom. Fost l-għasafar osservati kien hemm Żanżarell tal-Kullar (*Ficedula albicollis*), Bufula Passajra (*Sylvia cantillans*) u d-Daqquqa tat-Toppu (*Upupa epops*). Ġew osservati wkoll speċi oħra bħall-bufula s-sewda, l-isturnell u l-pitiross. Mill-osservazzjoni kien evidenti wkoll li l-għasafar jużaw ħafna l-burdura tar-raba'. Din ser tkun il-mira ta' studju fil-ġejjieni.

Kwalunkwe deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom jikkunsidraw dan l-irwol essenzjali tar-raba' u tal-bidwi — rwol li ma jistax jiġi sostitwit. Huwa b'hekk li l-bidwi jibqa' l-gwardjan prinċipali tal-ambjent u l-bijodiversità tiddependi mhux ftit fuq il-preżenza ta' bdiewa fil-kampanja tagħna.


Il-Bufula s-sewda


L-Isturnell


Il-Pitirross

# €500,000 Għal Iktar Effiċjenza u Inqas Impatt Ambjentali fl-Operat tal-Biċċerija Pubblika








**Il-Prim Ministru Dr Robert Abela ħabbar investiment ta' madwar €500,000 biex l-operat tal-Biċċerija Pubblika jkun iżjed effiċjenti waqt li fl-istess ħin jitnaqqas l-impatt ambjentali.**

Huwa ħabbar dan waqt żjara fil-Biċċerija Pubblika nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2020.

L-investiment huwa parti minn baġit ta' €1.2 miljun fuq investimenti varji li qed isiru fl-impjant matul din is-sena.

Fl-aħħar ħames snin, il-Gvern investa madwar €8 miljuni fil-Biċċerija Pubblika, grazzi għal madwar sittin proġett differenti f'xogħol ta' tiġdid u rinnovar tagħha.

Fid-diskors tiegħu, il-Prim Ministru spjega li l-investiment li sar f'dawn l-aħħar snin biddel il-Biċċerija Pubblika — li ilha topera sa mill-1897 — ta' taħt fuq.

Il-Prim Ministru żied li "sa mill-bidu nett, il-viżjoni tagħna f'dan is-settur kienet li nġeddu l-Biċċerija biex tkun xempju ta' iġene u prattiċi tajbin għall-Industrija tal-laħam fil-Gżejjer Maltin." Il-Ministru għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, Dr Anton Refalo, fisser li frott l-investiment li sar fl-aħħar snin, il-laħam lokali llum għandu kwalità tajba daqs, jekk mhux aħjar, minn dik ta' laħam impurtat, u dan huwa ta' benefiċċju, kemm għar-raħħala li jinvestu tant ħin, riżorsi u enerġiji biex ikabbru l-bhejjem tagħhom, iżda fuq kollox għall-konsumatur Malti li jista' jixtri prodott ta' kwalità għall-konsum tiegħu.

L-investiment inkwistjoni jinkludi investiment ta' madwar €250,000 biex jiġu installati madwar 700 pannella għall-ġenerazzjoni ta' madwar 250kWp [kilo watt peak] li mistennija tnaqqas il-konsum tal-elettriku fil-biċċerija b'terz. Barra minn hekk, ġiet installata u fil-futur qrib se tkun ikkummissjonata sistema li tgħaqqad solar water heaters u boilers tal-gass minflok sistema ta' tisħin tal-ilma bbażata fuq boilers antiki li jaħdmu bil-heavy fuel oil. Dan kollu se jsir bil-għan li tissaħħaħ l-effiċjenza, tisseddaq l-indafa fl-impjant, u fl-istess ħin jitnaqqsu sostanzjalment l-emissjonijiet tas-CO2 u ta' gassijiet oħra. B'hekk se jkunu qed jgħinu biex jintlaħqu l-miri nazzjonali fil-qasam tal-bidla fil-klima u tal-kwalità tal-arja.

# Miżura 4.1: Appoġġ Għall-Investimenti f'Azjendi Agrikoli



Kitba ta'
SAMUEL SCIBERRAS
*Trainee ARPA*

**F'din il-ħarġa ta' Nisġet Artna ser nagħtu ħarsa lejn il-miżura 4.1 — Appoġġ għall-Investimenti f'Azjendi Agrikoli, li taqa' taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020.**

Filwaqt li din il-miżura kellha tingħalaq fl-1 ta' Mejju 2020, fid-dawl tal-imxija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet li ġabet magħha, il-Gvern iddeċieda li jiftaħ din il-miżura mill-ġdid sabiex tingħata l-possibbiltà lil aktar bdiewa u raħħala biex jibbenefikaw minn fondi li huma importanti għas-sostennibbiltà u l-miljorament tal-irziezet tagħhom. L-għan tal-Gvern huwa li jkompli jintervjeni sabiex tingħata l-għajnuna neċessarja lill-bdiewa u r-raħħala tagħna biex b'hekk ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom bl-aħjar mod possibbli, filwaqt li jintlaħqu wkoll l-għanijiet u l-miri tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-Unjoni Ewropea.

L-applikazzjonijiet taħt din il-miżura ġew aċċettati mit-22 ta' Mejju sal-Ġimgħa 24 ta' Lulju 2020. Bħala prekawzjoni minħabba l-firxa tal-COVID-19, il-proċess tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ġie ffaċilitat billi ntlaqgħu biss soft copies li ġew mibgħuta permezz tal-email. Hekk kif ħabbret l-Awtorità ta' Ġestjoni, din kienet l-aħħar sejħa ta' din il-miżura taħt il-Programm 2014-2020, miżura li l-bdiewa jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna ta' 50% tal-ammont eliġibbli tal-proġett.

Il-miżura 4.1 tipprovdi għajnuna finanzjarja lil bdiewa u gruppi ta' bdiewa sabiex iwettqu investimenti fl-irziezet tagħhom bil-għan li jtejbu l-prestazzjoni globali u s-sostennibbiltà tal-azjendi agrikoli tagħhom. Tali għajnuna tkopri investiment f'sistemi u tagħmir kosteffettiv u ambjentalment effiċjenti mmirati lejn l-immaniġġjar tal-



ħamrija, il-magħqad tal-ilma, l-użu tal-enerġija rinovabbli, il-ġestjoni tal-iskart, u lejn it-titjib fl-effiċjenza fil-kontroll tal-fertilizzanti u tal-pestiċidi. Barra minn dan, il-miżura tindirizza wkoll it-titjib fil-produttività fl-azjendi jew f'setturi speċifiċi soġġetti għall-adattament tat-tekniki u tas-sistemi tal-biedja li ma jagħmlux ħsara għall-ambjent.

Għal aktar informazzjoni dwar din il-miżura jew miżuri oħra ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea, wieħed jista' jżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt), jew is-sit tal-Awtorità ta' Ġestjoni (www.eufunds.gov.mt) minn fejn jistgħu jitniżżlu linji gwida dettaljati u informazzjoni oħra. Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll iżur jew iċempel lill-Front Office tal-Aġenzija fuq 22 92 61 48 (Malta) jew 22 15 69 74 (Għawdex), jew jibgħat email lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fuq arpa.mafa@gov.mt, jew lill-Awtorità ta' Ġestjoni fuq rdd.mfea@gov.mt.

# Ir-Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agrialimentari Tradizzjonali ta' Malta

Kitba ta'
DARREN CASSAR
*Agricultural Officer*
KRISS DEBONO
*Chief Agricultural Officer*

**Wieħed jista' jinterpreta b'diversi modi x'inhu meqjus bħala prodott agrialimentari tradizzjonali. Dan għaliex kulħadd għandu idea differenti ta' xi tfisser eżatt il-kelma tradizzjonali.**

Uħud iqisu prodott tradizzjonali bħala platt tipiku ppreparat u servut fil-Gżejjer Maltin biss. Filwaqt li oħrajn huma tal-opinjoni li din tinkorpora ikel varju miġjub mill-barranin u integrat matul is-snin bħala prodott Malti. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, ġie mfassal avviż legali biex jiġi definit dak li jikkostitwixxi bħala prodott tradizzjonali. L-għan ta' dan ir-reġistru hu li jgħarraf b'mod uffiċjali dawk il-prodotti agrikoli u platti bħala patrimonju kulturali li ġew identifikati mill-poplu Malti.

F'dawn l-aħħar snin id-Direttorat tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ħadem b'mod kontinwu f'konformità ma' Leġiżlazzjoni Sussidjarja 427.89 Regolamenti dwar it-twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agrialimentari Tradizzjonali ta' Malta sabiex jimplimenta din il-liġi u jħeġġeġ lill-pubbliku jissottometti l-applikazzjonijiet bil-prodotti u r-riċetti tagħhom.

Għalhekk sa fl-aħħar għandna qafas legali li, prodott jew platt li nikkunsidraw bħala tipiku Malti, ikun legalment rikonoxxut li huwa tradizzjonali billi jiddaħħal f'dan ir-reġistru. Hija tassew ħaġa ta' preġju li aħna l-Maltin, li tant inħobbu l-ikel tradizzjonali tagħna, ikollna dawn il-prodotti u platti tipiċi Maltin inklużi f'dan ir-reġistru!

Kif tista' tagħmel talba għall-inklużjoni ta' prodott jew platt fir-Reġistru ta' Prodotti Agrialimentari Tradizzjonali ta' Malta? Din tista' ssir billi wieħed iżur is-sit **www.servizz.gov.mt**, jagħfas fuq is-sezzjoni tal-*Ambjent, Enerġija, Biedja u Sajd*, jagħfas fuq *Biedja* għal darbtejn u mil-lista li titla' jsib *Talba għall-inklużjoni ta' Prodott fir-Reġistru ta' Prodotti Agrialimentari Tradizzjonali ta' Malta* li tidderiġik għall-applikazzjoni. Fl-applikazzjoni għandha titniżżel informazzjoni dwar l-isem u d-deskrizzjoni tal-prodott, iż-żona ta' oriġini, deskrizzjoni tal-metodi tal-ipproċessar, ta' preservazzjoni u ta' maturazzjoni, il-materjali jew l-apparat speċifiku li jintuża għall-preparazzjoni u l-maturazzjoni, u evidenza li ssostni li t-tali prodott ġie prattikat għal perjodu ta' mhux inqas minn 25 sena.

Sabiex prodott jiġi rikonoxxut u inkluż fir-reġistru, l-applikazzjonijiet sottomessi jiġu mressqa quddiem bord speċjalizzat għall-evalwazzjoni. Wara, dawn jgħaddu minn proċess ta' konsultazzjoni pubblika ta' tletin jum u finalment il-bord jieħu d-deċiżjoni finali.

S'issa hemm madwar ħamsin prodott u riċetta li għaddew mill-proċess tal-konsultazzjoni pubblika fix-xhur li għaddew u jinsabu fl-aħħar fażi sabiex jiġu inklużi fir-reġistru u tiġi ppubblikata l-ewwel verżjoni.

Għal iktar informazzjoni wieħed jista' jżur is-sit elettroniku tad-Direttorat **ikeltakwalita.gov.mt** jew tintbagħat email fuq **ikeltakwalita.mafa@gov.mt**.



# Cross Compliance u l-AgriConnect Farm Advisory Service

Kitba ta'
**NATALIE SPITERI D'AMATO**
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan*

**Il-Cross Compliance hu sett ta' regolamenti mfassla apposta sabiex l-ambjent, is-sigurtà tal-ikel għall-konsumatur, il-kwalità tal-prodotti u s-saħħa tal-annimali mrobbija fl-irziezet ikunu mħarsa.**

Fl-istess ħin jitnaqqas it-tniġġis fuq l-ambjent b'impenn li nipproteġu l-kwalità tal-ilma tal-pjan u l-bijodiversità li nsibu fil-kampanja Maltija. Dawn il-miżuri għandhom jiġu inkorporati fl-attivitajiet agrikoli sabiex il-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin ikunu eleġibbli għal għajnuna finanzjarja addizzjonali bħala benefiċċju għall-ħidma tagħhom fis-settur agrikolu.

Il-Cross Compliance hu magħmul minn Statutory Management Requirements (SMRs) u Good Agricultural and Environmental Conditions (GAEC).

Nibdew billi nagħtu ħarsa lejn il-lista ta' SMRs u l-GAEC li huma relatati mal-ħidma tal-bdiewa u l-attività agrikola tagħhom. SMR 1 hi mibnija fuq id-direttiva tan-nitrati, sabiex l-użu tal-fertilizzanti, b'enfasi fuq l-immaniġġjar tan-nitrati, jiġi kkontrollat. Dan isir bil-għan li jitnaqqas l-użu eċċessiv tal-fertilizzanti li jħalli effetti negattivi, kemm fuq is-saħħa tal-bniedem, u kif ukoll fuq il-konservazzjoni tal-ambjent. Il-bidwi hu fid-dover li meta japplika dawn il-fertilizzanti, kemm jekk naturali — jiġifieri demel tal-annimali — u kemm jekk artifiċjali, mixtrija ġo kontenituri jew xkejjer, dawn jiġu applikati skont il-pjan ta' fertilizzazzjoni. Hu neċessarju wkoll li l-bidwi jżomm rendikont tal-applikazzjoni tagħhom u f'każ ta' xiri ta' demel tal-annimali, irid jinżamm rendikont tal-informazzjoni kollha mingħand min xtara, id-data tax-xiri, u d-dettalji tal-kuntrattur flimkien mal-ammont u t-tip ta' demel li jkun se jiġi applikat fl-għelieqi tiegħu. Sabiex il-bidwi jkompli jkabbar l-għarfien tiegħu fuq l-importanza tal-użu tal-fertilizzanti, jiġu mħejjija korsijiet apposta li huma wkoll meħtiega sabiex il-bidwi jkun konformi ma' din l-SMR.

Hemm fatturi oħrajn li għandhom jiġu osservati meta jiġu applikati l-fertilizzanti. Fosthom insibu d-distanzi minimi li l-bidwi għandu jżomm minn sorsi ta' ilma sabiex titnaqqas il-kontaminazzjoni tal-istess riżorsa naturali. Fertilizzanti għandhom jinżammu fil-kontenitur u bit-tabella oriġinali tagħhom, merfugħa f'post adegwat 'il bogħod minn prodotti tal-ikel. Għal min irabbi l-annimali hemm lista ta' obbligi marbuta mal-protezzjoni ambjentali, jiġifieri kif jaħżen u jiddisponi d-demel



iġġenerat fir-razzett sabiex jitnaqqas it-tniġġis ta' nitrati fl-ilma tal-pjan.

Id-direttiva dwar il-ħabitat f'SMR 3 tirreferi għall-ħarsien naturali tal-kampanja Maltija. Il-bdiewa huma mħeġġa li jagħmlu manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ sabiex filwaqt li nipproteġu l-ħamrija milli tintilef mal-ilma tax-xita jew mar-riħ, inkunu nistgħu nkomplu ngawdu s-sbuħija li l-istess ħitan joffru fil-pajsaġġ Malti. Siġar li huma aljeni, bħas-siġra taż-żejt tar-riġnu, għandhom jiġu kkontrollati milli jinxterdu fl-inħawi, filwaqt li siġar protetti għandhom jiġu mħarsa minn vandali jew minn ħsara oħra. M'għandux ikun hemm rimi ħażin ta' skart fejn dan jista' jkun ta' dannu għall-ħamrija u għall-ambjent tal-madwar, ngħidu aħna r-rimi ta' batteriji u żjut.

SMR 10 hi direttament marbuta mal-applikazzjoni esklussiva tal-pestiċidi. L-importanza fil-kontroll fl-użu tagħhom hi ferm importanti minħabba li jekk ma jkunux użati tajjeb iħallu impatt ħażin, kemm fuq is-saħħa tal-bidwi u kemm fuq saħħet il-konsumatur. Barra minn hekk, jekk il-kontroll tal-pestiċidi ma jkunx ikkontrollat sew fl-użu tiegħu, il-kwalità tal-ilma tiddeterjora bil-kimika tossika tagħhom u jkomplu jeliminaw il-popolazzjoni tal-organiżmi benefiċjali li maż-żmien qed tkompli dejjem tonqos. Il-bidwi għandu juża biss prodotti li huma fil-lista ta' pestiċidi awtorizzati



mill-MCCAA, filwaqt li d-dożi u l-applikazzjoni tagħhom irid jingħata skont kif huma indikati fuq it-tikketta tal-prodott. Matul l-applikazzjoni tal-pestiċidi, il-bidwi għandu dejjem jilbes ilbies protettiv li jinkludi l-użu tal-maskla. Huwa importanti ħafna li l-bidwi jżomm rendikont tal-applikazzjonijiet iddettaljati u aġġornati li jkunu disponibbli għal meta ssir spezzjoni minn uffiċjali agrikoli fuq il-post. Il-kontroll tal-pesti huwa obbligu ieħor li l-bidwi jrid jilħaq sabiex il-ġrieden li huma ta' dannu għall-agrikola jkunu kkontrollati.

Il-Good Agricultural and Environmental Conditions, (GAEC) ġew stabbiliti bil-għan illi jtejbu l-materja organika (MO) li tinsab fil-ħamrija. Dan hu ta' min jagħtih ferm importanza hekk kif il-MO ttejjeb l-istruttura u ż-żamma tal-ilma fil-ħamrija bi prattiċi naturali. Insibu bosta metodi li jtejbu l-livell ta' MO fil-ħamrija, fosthom l-użu tal-kompost, li tinkorpora r-residwi tal-prodotti mkabbra lura fil-ħamrija, u t-tkabbir tal-għalf. Il-kwantità tal-MO fil-ħamrija hu mkejjel minn test apposta li jsir fil-Laboratorju tal-Ħamrija u Ilma għat-Tisqija ġewwa l-Għammieri.

Miżuri oħra mniżżla fil-GAEC huma dwar iż-żamma tal-fuel u tal-fertilizzanti minerali fl-imħażen tal-bidwi. Fertilizzanti likwidi għandhom jinħażnu f'tankijiet reżistenti u addattati sabiex iżommu fihom dawn il-fluwidi bla ma jnixxu, jinżammu 'l bogħod minn sorsi ta' ilma, f'kontenitur magħluq u mqiegħed fuq art solida impermeabbli. Is-sors tal-ilma użat għall-irrigazzjoni fil-każ ta' borehole jew jekk il-bidwi jixtri l-ilma għat-tisqija, jiġi ċċekkjat li dawn is-sorsi huma reġistrati mal-MRA (Malta Resources Authority). Boreholes u spejjer għandhom ikunu elevati mill-wiċċ tal-art minn tal-inqas 0.3m u mgħottija meta mhux użati.

Issa nagħtu ħarsa lejn id-diversi SMRs marbutin mal-ħarsien u mal-protezzjoni tal-annimali fejn fosthom insibu l-iġene tal-ikel u x-xorb, l-indafa u l-kura tal-annimali, l-iġene tar-razzett, il-kontroll tal-użu tal-ormoni u l-mediċini. Bħala proċedura, ir-raħħal għandu jżomm rendikont tal-obbligi rikjesti tar-razzett, jipprovdi informazzjoni fuq id-dieta tal-annimali, jassigura li l-produzzjoni ta' prodotti lokali jilħqu l-kwalità neċessarja, u jara li l-prodotti li jpoġġi fis-suq ikun fihom tikketta li tipprovdi l-informazzjoni fuq il-prodott u isem il-produttur. Permezz ta' dawn l-SMRs jiġi ċċekkjat li t-trobbija tal-bhejjem hi skont l-obbligi meħtieġa fejn l-iġene tar-razzett tilħaq il-miri meħtieġa. Fost l-oħrajn jiġi ċċekkjat ukoll l-użu li r-raħħal jagħmel tal-mediċini, u jsir l-ittestjar għall-Enċefalopatija Sponġiformi Trasmissibbli (TSE). Permezz ta' dawn l-ispezzjonijiet jiġi aċċertat li r-razzett ikollu l-mekkaniżmi addattati sabiex il-prodotti provduti mir-raħħal jinżammu f'ambjent sigur.

Għal min irabbi l-ħnieżer, il-baqar u l-mogħoż insibu SMRs li jikkontrollaw il-proċess tat-trobbija ta' dawn l-annimali b'mod individwali. Kull bhima tiġi rreġistrata u identifikata b'numru uniku ta' identifikazzjoni għal skop ta' traċċibilità. Dan it-tip ta' kontroll





jiggarantixxi prodotti lokali ta' kwalità, u b'hekk inkunu ċerti li kull razzett jadotta l-istess regoli ta' trobbija b'mod sodisfaċenti. Ir-raħħal irid iżomm rendikont ta' kull ċaqliq (xiri u bejgħ) tal-annimali f'herdbook li hu reġistru li fih tinżamm informazzjoni ta' kull annimal mill-istess raħħal.

Fl-aħħar insibu SMRs li huma relatati direttament mas-saħħa u l-ħarsien tal-annimali b'attenzjoni lejn annimali żgħar, bħal għoġġiela u qżieqeż, sa annimali akbar fl-età. Hawn jiġi ċċekkjat li fir-razzett l-annimali għandhom spazju adegwat, ventilazzjoni tajba u arja ħielsa minn livelli għoljin ta' gassijiet jew trabijiet. Irid ikun ukoll aċċertat illi t-temperatura fir-razzett ma tkunx ta' stress għall-annimali. Dawn l-obbligi jservu biex jgħinu lir-raħħal itejjeb il-ħila tiegħu fit-trobbija u l-kura tal-annimali u sabiex id-drittijiet tal-annimali jkunu mħarsa.

Għalhekk nistgħu ngħidu li kemm l-SMRs u anki l-GAEC jagħtu direzzjoni lill-bdiewa u lir-raħħala sabiex l-attività agrikola tagħhom tkun ta' suċċess u serħan il-moħħ għall-konsumatur. Permezz tal-ħidma iebsa imma li tħalli l-frott, il-prodott Malti jibqa' joffri kwalità u sigurtà, fejn l-għażla tal-prodott lokali tibqa' prijorità.

Id-Direttorat tal-Agrikoltura joffri għajnuna lill-bdiewa u lir-raħħala fuq dawn l-obbligi u kull min hu interessat li jingħata aktar informazzjoni hu mħeġġeġ li jikkuntattja lill-AgriConnect FAS fuq in-numri 21804981/21804984 jew jibgħat email fuq agriconnect.mafa@gov.mt.

# Kappelli Marbuta mal-Pesta

Kitba ta'
DAVID BARTOLO
*Riċerkatur tal-Istorja ta' Malta*

**Fil-ħarġa li għaddiet konna tkellimna fuq kappelli marbuta mal-flaġell tal-pesta li ħalliet effetti devastanti f'diversi perjodi differenti matul iż-żmien f'pajjiżna. Dawn il-kappelli jinsabu kemm fl-inħawi urbani fejn jabitaw in-nies, kif ukoll fil-kampanja naturali Maltija.**

Kappella marbuta mal-pesta hija dik ta' San Bastjan fir-Rabat ta' Malta. Din tinsab fit-triq li tieħdok lejn il-Buskett. San Bastjan, flimkien ma' Santu Rokku, kienu qaddisin li, diversi drabi, il-Maltin irrikorrew għalihom waqt it-tiġrib tal-pesta. Din il-kappella hija waħda li tmur lura diversi sekli. F'testment magħmul fit-13 ta' Settembru 1471, persuna ħalliet għaxar fjorini biex tinbena kamra għas-sagristan.

Din il-kappella hija marbuta mal-epidemija tal-1519 u, sa ftit snin ilu, kienet issir purċissjoni fl-20 ta' Jannar mill-Katidral tal-Imdina sa din il-kappella bis-sehem tal-Kononċi tal-istess Katidral u diversi patrijiet mill-kunventi li jinsabu ġewwa r-Rabat.

F'Għawdex insibu l-Kappella ta' San Anton Abbati fix-Xagħra. Skont xi dokumenti din tmur lura għall-1400 u dan ġie kkonfermat fil-vista pastorali li kien għamel il-Monsinjur Dusina fl-1575. Din kienet reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1601 b'ċimiterju fuq quddiem li kien iz-zuntier tagħha. Din kienet saret l-ewwel knisja parrokkjali tax-Xagħra meta saret parroċċa fit-28 ta' April 1688.

Matul il-pesta tal-1814, l-inħawi tal-madwar kienu milqutin sew minn dan il-flaġell u l-ewwel tliet persuni li kienu mietu ndifnu fl-imsemmi ċimiterju. Meta għaddiet din il-pesta, diversi oġġetti li kienu f'din il-kappella, ngħidu aħna l-pittura antika, kienu ġew maħruqa biex dan il-post jiġi ddiżinfettat.

Fil-ħarġa li jmiss inkomplu nżuru kappelli oħra madwar Malta relatati mal-pesta.





# It-Tnedija tar-Riforma tal-Pitkalija



**Ir-riforma tant mistennija fil-pitkalija se tkun iċ-ċavetta biex jitjiebu inizjattivi futuri oħra f'dan il-qasam tant importanti.**

Ir-riforma se tkun waħda sostantiva u dettaljata mmirata għal aktar protezzjoni tal-konsumatur li għandu jkollu moħħu mistrieħ mill-prodott li se jixtri fejn jiġi żgurat illi l-bidwi jieħu dak li ħaqqu, u li l-pitkal jibbenefika wkoll minn din is-sistema. Is-sistema mħaddma bl-użu ta' teknoloġija moderna hi mmirata biex, mhux biss ittejjeb l-operat u tiżgura aktar effiċjenza, imma fl-istess waqt tirriduċi l-ħela u tgħin fit-trasparenza. Opportunitajiet oħra ġodda ta' bejgħ se jkunu fost l-aġenda ta' din ir-riforma.

Riċentament, il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Dr Anton Refalo ltaqa' mar-rappreżentanti tal-bdiewa fejn enfasizza kemm hu importanti li nħarsu lejn is-settur agrikolu bħala opportunità ekonomika sostenibbli. Il-Ministru spjega illi "taħt qafas Ministerjali qegħdin naħdmu bla waqfien sabiex nagħtu nifs ġdid lil dan is-settur. Irridu nsaħħu l-kuntatt tagħna ma' dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam biex infasslu politika li mhux biss tindirizza l-isfidi tal-mument imma tindirizza r-realtajiet tal-lum biex tagħtina viżjoni għall-futur."

Filwaqt li ser tissaħħaħ il-kontabilità permezz tal-istess tekonoloġija, ser jissaħħaħ ukoll il-kuntatt b'notifikazzjonijiet u rapporti li jiġġeneraw ruħhom b'mod faċli u jiġu mqassma meta meħtieġ.



Ilu jsir ħafna xogħol fuq dan il-proġett biex setgħet tingħata opportunità lil dawk li kienu preżenti biex jinbeda djalogu. Minn dak li ġie ppjanat jista' jkompli jipperfezzjona ruħu u fi żmien qasir mill-kitba mmorru għall-fatti u tiġi implimentata din is-sistema innovattiva.

Il-Ministeru enfasizza l-importanza xierqa lil din l-industrija u għalhekk ried jisma' dak kollu li jikkonċerna lill-bdiewa. Dan għaliex il-Gvern, konoxxenti ta' ċerti problemi, ra kif isib soluzzjoni xierqa billi jittraċċa l-prodott mill-bidu tal-proċess sakemm jasal għand il-konsumatur.

Is-settur agrikolu għandu jkun wieħed t'opportunità u li jattira l-ġenerazzjonijiet futuri. Permezz ta' riforma totali fl-operat tal-Pitkalija dan għandu jiġi assigurat billi jiġi żgurat li titjieb il-Governanza u tissaħħaħ it-trasparenza. It-tnedija ta' din ir-riforma hija pass importanti sabiex nibdew nagħrfu kif l-agrikoltura ma tidhirx biss mil-lenti tradizzjonali iżda nagħrfu wkoll kif nassorbu l-opportunitajiet li ġġib magħha lokalment u anke internazzjonalment. L-agrikoltura moderna għandha ħafna x'toffrilna u bħalma ġara f'setturi oħra, wasal iż-żmien li nagħmlu l-istess fis-settur agrikolu.

Il-Ministru Refalo semma wkoll l-importazzjoni u għalkemm għandha t-tajjeb tagħha ma nistgħux niddependu unikament minnha. Dan jaċċentwa aktar is-settur lokali li konsegwentament għandu jingħata kull għajnuna, gwida u tisħiħ sabiex il-konsumatur lokali jibqa' jieħu l-benefiċċji tal-art għammiela tagħna kif mistħoqq.

# Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali Jżid l-Impenn Tiegħu b'Inizjattivi Innovattivi

Kitba ta'
ROBERT CUTAJAR
*Prinċipal fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali*

**Il-ħidma tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali kompliet għaddejja anke waqt ix-xhur li pajjiżna kien għaddej bl-imxija tal-COVID 19. Fil-fatt, fil-ġimgħat li għaddew, ġie ppreparat pjan ta' ħidma għall-kumplament ta' din is-sena fejn l-inizjattivi li huma ppjanati se jkunu jfissru aktar servizz, għarfien u edukazzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.**

## Mill-ġdid preżenti waqt Skolasajf

Ix-xhur sajfin għad-Direttorat, bħalma ġara fl-aħħar snin, reġgħu kienu impenjattivi ħafna. Fost affarijiet oħra pparteċipajna waqt Skolasajf fejn b'kollox din is-sena ser inkunu qed inżuru għoxrin ċentru b'sebgħa minnhom ikunu fil-gżira Għawdxija. Dawn iż-żjajjar uffiċjali mid-Direttorat ikunu qed jagħtu informazzjoni dwar is-settur lill-istudenti preżenti, fejn anke dejjem ikollhom magħhom kelb u qattus biex, permezz tagħhom, is-sessjonijiet ikunu aktar interattivi bl-involviment attiv ta' dawk kollha preżenti.

Meta bħala direttorat ingħatajna pariri mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex nieħdu miżuri biex inħarsu s-saħħa, kemm tal-istudenti, u kif ukoll tal-uffiċjali involuti minħabba l-imxija tal-COVID 19, id-Direttorat ra kif xorta għaddejna materjal awdjoviżiv sabiex it-tfal xorta baqgħu jingħataw informazzjoni u edukazzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali.

Bħas-snin passati qed tiġi organizzata kompetizzjoni fost it-tfal li jkunu preżenti f'dawn iċ-ċentri. Fil-fatt, din is-sena qed jintalbu li jpinġu tpinġijiet relatati mal-pet favorit tagħhom. Ir-riżultati tar-rebbieħa f'din il-kompetizzjoni jitħabbru aktar tard matul din is-sena. Ir-rispons tal-istudenti reġa' kien wieħed inkoraġġanti fejn kienu bosta dawk li ħadu sehem.






## It-tnedija tal-ktejjeb "Aħna t-Tfal Ħbieb tal-Annimali"

Fil-ġimgħat li ġejjin, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali se jkun qed iniedi ktejjeb b'kitbiet mit-tfal għat-tfal li huma kollha abbinati ma' annimali differenti. Dawk it-tfal li attendew Skolasajf is-sena li għaddiet intalbu jieħdu sehem f'kompetizzjoni li kienet tikkonsisti f'kitbiet qosra, fosthom poeżiji, bil-Malti u bl-Ingliż. Ix-xogħlijiet kollha li daħlu, fl-aħħar xhur ġew iġġudikati mis-Sinjuri Trevor Żahra u David Muscat biex finalment ninsabu fl-aħħar preparamenti sabiex tiġi mnedija din il-pubblikazzjoni. Dan il-ktejjeb ser jitqassam b'xejn waqt iż-żjarat li l-uffiċjali tad-Direttorat ser ikunu qed jagħmlu fid-diversi skejjel madwar Malta u Għawdex.

# Is-Seba' Proposti 2020 għall-Ħarsien u d-Drittijiet tal-Annimali f'Malta



**Il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ftit tax-xhur ilu Itaqa' mal-membri l-ġodda tal-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali.**



Irridu niftakru li dan il-Kunsill għandu d-dmir li jagħti pariri lill-Ministeru dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Att dwar il-Ħarsien tal-Annimali u li jirrakkomanda miżuri relatati mal-ħarsien tal-annimali.

Aktar kmieni din is-sena ħarġet sejħa lill-attivisti għall-ħarsien tal-annimali propju biex il-Ministeru jindirizza lista ta' seba' proposti sabiex jgħinu fit-titjib tal-ħarsien u d-drittijiet tal-annimali f'Malta. L-Onor. Ministru Refalo ta ħarsa ġenerali lejn dawn il-proposti u sostna kemm il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali se jkun qed jaħdem fuq dawn is-seba' prijoritajiet mal-pjanijiet futuri. Fil-fatt, il-Ministeru diġà embarka b'ħidma kontinwa fuq dawn il-proposti.




Waqt il-laqgħa kien hemm temi li spikkaw ħafna. Dawn jinkludu t-talba għal programm nazzjonali ta' neutering tal-massa għall-qtates; l-importanza li s-sidien għandhom ikunu responsabbli u jsir ukoll micro chipping obbligatorju / reġistrazzjoni ta' klieb u qtates; il-ħarsien tal-annimali fir-razzett; it-tneħħija immedjata ta' veleni perikolużi li qed jiġu abbużati; u l-ħtieġa neċessarja għal ċentru ta' rehoming.

L-Onor. Ministru Refalo enfasizza li l-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ta kas għat-talbiet li sarulu mill-membri tal-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali u ħa azzjoni immedjata. Il-Ministeru assigura lill-Kunsill li biħsiebu jżomm dan id-djalogu miftuħ sabiex jaħdem flimkien biex jinkisbu dawn l-għanijiet komuni.



# Il-Vendemmja:
## Ix-Xogħol Imwettaq mis-Sezzjoni tal-Vitikoltura u l-Enoloġija

Kitba ta'
KENNETH CASSAR
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan*

### X'inhi l-vendemmja?

Il-vendemmja hu terminu Taljan li jirrelata mal-perjodu tal-qtugħ tal-għeneb. Il-vendemmja f'Malta tibda mill-aħħar ta' Lulju u tibqa' sejra sa nofs Settembru. Madankollu, il-preparazzjonijiet għall-vendemmja jibdew minn xhur qabel, kemm min-naħa tal-bidwi, u kif ukoll min-naħa tas-Sezzjoni tal-Vitikoltura u l-Enologija fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura. F'dan l-artiklu ser nispjegaw x'jinvolvi x-xogħol tas-Sezzjoni.

### Il-preparazzjoni għall-vendemmja

Is-Sezzjoni tal-Vitikoltura u l-Enoloġija taqsam ix-xogħol relatat mal-preparazzjoni għall-vendemmja f'żewġ partijiet:

1. Spezzjonijiet tal-għelieqi bid-dwieli;
2. Ħruġ tal-kwoti tal-għeneb għal kull bidwi.

Fl-ewwel sitt xhur tas-sena l-uffiċjali inkarigati jagħmlu spezzjonijiet fl-għelieqi biex jiġi aċċertat li d-dwieli reġistrati bħala DOK jew IĠT huma konformi mal-varjetà, densità tat-taħwil, u metodi ta' żbir. Il-kwalità għolja ta' DOK u IĠT titlob li l-varjetà tal-għenba tkun waħda li minnha tista' tipproduċi nbid ta' kwalità. Il-lista ta' varjetajiet aċċettati għall-produzzjoni tal-IĠT u d-DOK huma mniżżlin fil-


Tgħabija għeneb qed tinħatt sabiex tintiżen għand wieħed mill-għassara

liġijiet tal-Protokolli rispettivi, L.S. 436.06 u 436.07. Meta l-produzzjoni tkun għad-DOK, il-metodi ta' żbir permessibbli huma *Cordone speronato*, *Guyoti* u bil-forma ta' arbuxell tradizzjonali. B'dan il-proċess jiġi apprezzat li fid-dinja tal-inbejjed l-importanza hi l-fattur tal-kwalità u mhux il-kwantità.

Ix-xogħol biex jinħarġu l-kwoti tal-għeneb jibda minn xahrejn qabel il-bidu tal-vendemmja. Għal kumpilazzjoni tal-kwoti ta' għeneb għall-produzzjoni DOK jew IĠT, is-Sezzjoni tal-Vitikoltura u l-Enologija titlob lista tal-bdiewa li ser jinxtara l-għeneb mingħandom mill-għassara. Is-Sezzjoni tiċċekkja li dawn l-għelieqi huma rreġistrati fir-reġistru tad-dwieli u bid-dettalji meħtieġa kollha inklużi. F'dan l-istadju tinħareġ lista tal-bdiewa flimkien mad-dettalji tal-għelieqi li jaħdmu u l-kwoti massimi ta' għeneb li jista' jinqata' minn dik l-għalqa partikolari għal produzzjoni DOK u IĠT.

### Qtugħ il-għeneb

Dan normalment jibda lejn l-aħħar ta' Lulju jew bidu t'Awwissu u jibqa' sejjer sal-aħħar ta' Settembru, b'varjazzjonijiet ta' ftit ġimgħat minn sena għall-oħra. L-għassara huma mitluba li jinnotifikaw is-Sezzjoni tal-Vitikultura u l-Enologija bil-ġranet ta' meta jkunu se jibdew isiru l-konsenji tal-għeneb u dan sabiex l-uffiċjali inkarigati jkunu jistgħu jispezzjonaw dawn il-konsenji tal-għeneb. L-uffiċjali jiċċekkjaw il-konsenji tal-għeneb kemm mil-lat ta' piż u kif ukoll mil-lat ta' kwalità.

Għall-ewwel darba din is-sena, l-ispezzjonijiet saru permezz ta' computer tablet fejn l-uffiċjali użaw app interface biex iniżżlu l-volumi u varjetà tal-għeneb ikkonsenjat flimkien ukoll mar-riżultat tal-brix (livell ta' zokkor fl-għeneb). It-test tal-livell taz-zokkor fl-għeneb jiġi evalwat permezz ta' apparat speċifiku msejjaħ brix refractometer. Dan it-test isir billi jinġabar sample rappreżentattiv tal-għeneb li jittieħed minn kull konsenja abbinata ma' kull bidwi li tidħol għand l-għassar. Il-livell permessibbli taz-zokkor irid jintlaħaq biex l-għeneb ikun jista' jintuża fl-inbejjed ta' kwalità DOK jew IĠT. Kull varjetà għandha l-parametri minimi ta' zokkor li jvarja jekk id-destinazzjoni tkunx għad-DOK jew għall-IĠT. L-ispezzjonijiet fuq il-kunsenji jsiru b'mod ippjanat skont eżerċizzju ta' riskju maħdum mid-direttorat qabel il-vendemmja. L-eżerċizzju ta' riskju jiddetermina n-numru ta' spezzjonijiet fuq il-kunsenji


Bidwi qed jaqta' l-għeneb


Għeneb tal-varjetà Sauvignon Blanc qed jintiżen fuq miżien elettroniku

skont il-volumi tal-għeneb li l-għassar jipproċessa għall-produzzjoni tal-inbejjed ta' kwalità DOK jew IĠT. Għalhekk għassara li jipproċessaw volumi kbar tal-għeneb destinati għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità isirilhom l-ikbar numru ta' spezzjonijiet.

**Traċċabiltà u kwalità**

Matul il-vendemmja, ix-xogħol tas-Sezzjoni tal-Vitikoltura u l-Enoloġija bil-kollaborazzjoni tal-għassara u l-bdiewa jiżgura t-traċċabilità tal-għeneb u jiġi żgurat li jintlaħqu standards ta' kwalità għolja li huma neċessarji għall-produzzjoni tal-inbejjed DOK u IĠT. Dan ukoll sabiex jiġi assigurat li l-kultivazzjoni tad-dwieli u s-suq tal-inbejjed lokali jibqa' relevanti u jkun reżiljenti għall-isfidi preżenti u tal-futur.


Spettur tad-direttorat qed jittestja kampjun tal-għeneb


Spettur tad-direttorat qed jieħu d-dettalji ta' bidwi waqt spezzjoni

# EMFF 1.23.1:

## Investiment f'Faċilità tal-Ħatt tal-Ħut f'Marsaxlokk

Kitba ta'
**EMANUEL AZZOPARDI**
*EU Funds Manager*





Id-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura, fis-16 ta' Settembru 2020, inawgura l-Faċilità tal-Ħatt tal-Ħut f'Marsaxlokk, liema proġett tħabbar fil-Budget għas-sena 2017. Permezz ta' investiment kofinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), inbniet faċilità state of the art li ser tiffaċilita l-iżbarkar tal-ħut fir-reġjun tax-Xlokk tal-Gżejjer Maltin. Din il-faċilità mistennija ttejjeb il-ħidma tal-Uffiċjali għall-Protezzjoni tas-Sajd, li huma responsabbli li jassiguraw li l-ħut maqbud illegalment ma jiġix imniżżel u mibjugħ ġewwa l-Gżejjer Maltin. Dan il-proġett jinkludi wkoll chiller room, li tippermetti li d-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura jaħżen ħut maqbud illegalment u li ġie kkonfiskat, kif ukoll krejn li għandu jintuża fil-proċess tal-ħatt tal-ħut imdaqqas. Dan l-investiment qed jikkumplimenta l-proġett li diġà sar permezz ta' fondi Ewropej, fejn il-moll ta' Marsaxlokk ġie mkabbar sabiex jakkomoda aktar bastimenti tas-sajd u jtejjeb il-manuvrabbiltà fiż-żona.

Grazzi għall-ħidma tal-Gvern ta' Malta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-qasam tas-sajd ħa spinta 'l quddiem permezz ta' diversi proġetti li ġew imwettqa f'dawn l-aħħar snin, li fosthom jinkludu t-tisbiħ tal-port fl-Imġarr, Għawdex, il-bini ta' Pixkerija ġdida fil-Marsa, titjib tal-konsum tal-ħut frisk u sostenibbli permezz ta' kampanji edukattivi, u titjib fil-portijiet awtorizzati għal-ħatt tal-ħut tal-Marsa, San Pawl il-Baħar, Wied il-Għajn u Marsaxlokk.

Dawn il-proġetti se jkomplu jikkontribwixxu b'mod dirett fit-tisħiħ tal-operat tad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura kif ukoll isaħħaħ is-sostenibbiltà tas-settur, sabiex mis-settur tas-sajd ikunu jistgħu jibbenefikaw minnu mhux biss il-ġenerazzjoni kurrenti, imma wkoll dawk futuri.

# Il-Proġett BYTHOS

Interreg Italia-Malta BYTHOS

Kitba ta'
**LUKE ZAMMIT**
*Uffiċjal Xjentifiku*

**Il-proġett interreġjonali V-A Italia-Malta 2014-2020, hekk imsejjaħ 'Biotechnologies for Human Health and Blue Growth' (fil-qosor BYTHOS), iressaq flimkien sitt imsieħba bejn iż-żewġ gżejjer ta' Malta u Sqallija.**

Dawn jinkludu l-Università ta' Palermo, id-'Distretto Pescaturismo e Cultura del Mare' u l-'Comune di Lipari', kif ukoll l-Università ta' Malta, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura u l-kumpanija Aquabiotech Limited.

Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-proġett BYTHOS hu li jsiru studji xjentifiċi fuq il-fdalijiet tal-ħut meta dawn jiġu maqtula u pproċessati. Għaldaqstant il-fdalijiet tal-ħut, b'mod speċjali dawk prodotti mill-industrija tat-tonn, jinġabru kollha inklużi l-għadam, id-denb u l-organi interni li attwalment ma jintużawx għall-konsum uman u m'hemmx użu ieħor għalihom. Dan l-iskart organiku jservi ta' sors tajjeb ta' molekuli bijoattivi, inklużi proteini kollaġeni, bi proprjetajiet antibatteriċi, antimikrobiċi u kontra t-tumuri li jistgħu jiġu użati fl-industriji tal-farmaċewtika, tan-nutriċewtika u tal-kożmetika.

Dan il-proċess inaqqas sostanzjalment l-ammont ta' skart organiku li nkella jkun jeħtieġ li jiġi ttrattat jew saħansitra mormi kif inhu. Iżda aktar minn hekk, il-kumplament tal-iskart organiku li ma jkunx intuża għall-għanijiet imsemmija qabel, jista' jiġi pproċessat u maħdum fi prodott tajjeb ta' għalf għall-ħut sabiex jintuża mis-settur tal-akwakultura lokali. B'dan il-mod, il-proċess kollu jilħaq għan importanti ieħor... dak ta' 'Żero Skart' f'din l-industrija.

L-ipproċessar tal-iskart tal-ħut jippromwovi wkoll il-ħolqien t'opportunitajiet ġodda ta' xogħol, isaħħaħ il-katina ta' valur tal-industrija u jwassal għal titjib fis-sistema ta' produzzjoni, sabiex tiġi assigurata aktar sostenibbiltà fl-użu tar-riżorsi naturali tagħna.



Fdalijiet tat-Tonn ipproċessat u maħdum biex jintuża fi prodott ta' għalf għall-ħut


Għalf kummerċjali magħmul speċifikament għall-produzzjoni tal-ħut fl-akwakultura


Fdalijiet tat-tonn u ħut ieħor



# It-Tnedija ta' Skema ta' Kumpens lis-Sajjieda

**Ftit tal-ġimgħat ilu, il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ltaqa' mas-sajjieda u tkellem dwar il-maltempata li kienet seħħet fuq il-Gżejjer Maltin fl-24 ta' Frar tas-sena li għaddiet.**

Kif jaf kulħadd, din il-maltempata kienet ikkaġunat ħsarat konsiderevoli u laqtet l-aktar lis-sajjieda li kellhom l-opri tagħhom fil-baħar, jew fl-art qrib il-baħar. Mill-ewwel, il-Ministeru kkonċernat beda eżerċizzju biex jiddetermina l-entità tad-danni sofferti.

Il-Gvern, tramite l-Ministeru tagħna, ħass li kellu jintervjeni u joffri l-għajnuna lil dawk is-sajjieda li ġarrbu ħsarat. Għalhekk il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ħa ħsieb biex tiġi mnedija skema li tindirizza sitwazzjonijiet sfortunati bħal dawn.

Il-Ministru Refalo wiegħed li l-Ministeru se jkun ta' spalla għas-sajjieda u għalhekk ġew allokati madwar miljun ewro mill-Fondi Nazzjonali biex id-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura, permezz ta' skema ta' kumpens, jipprovdi għajnuna lis-sidien ta' bastimenti rreġistrati MFA u MFB mad-Dipartiment li ġarrbu ħsarat kawża tal-maltemp. Permezz ta' din l-iskema, l-applikant huwa intitolat għal mija fil-mija tad-danni eliġibbli mitluba bil-VAT eskluża.

Tqassmu l-applikazzjonijiet lis-sajjieda kollha li huma rreġistrati taħt l-MFA u l-MFB. Wieħed seta' jniżżel il-formola tal-applikazzjoni mis-sit elettroniku tal-Ministeru, jew mill-paġna tal-Facebook tad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura.

Is-sajjieda setgħu japplikaw għal din l-għajnuna u kellhom iċ-ċans sas-7 t'Awwissu. Il-Ministru Refalo kien ħeġġeġ lis-sajjieda sabiex jiżguraw li japplikaw bil-għan li jieħdu l-għajnuna tant mistħoqqa wara l-ħsarat li kienu ġarrbu.

Din l-iskema ta' kumpens hija pass ieħor fil-mixja lejn settur sostenibbli u garanzija ta' futur t'għejxien għas-sajjieda u l-familji tagħhom. Il-Gvern jinsab kommess bis-sħiħ li jkompli jsaħħaħ dan is-settur hekk importanti għaliex jiggarantixxi sors ta' ikel frisk u bnin lill-familji tagħna, kif ukoll impjiegi għall-komunitajiet tas-sajd, speċjalment f'Marsaxlokk kif ukoll f'Għawdex.

# Artiklu għat-Tfal





L-għajn tal-patata



Patata qed tinbet


**MARIA MICALLEF**
*Uffiċjal tal-Agrikolu Anzjan*
*Farm Extension Services*


## Inkabbru l-Patata u t-Tewm id-Dar

Hello tfal, kif intom? Nispera li kellkom vaganzi tas-sajf mill-isbaħ! Forsi wkoll irnexxielkom tilmħu xi gremxula ta' Malta u pruvajtu taqtgħu liema speċi hi mill-kuluri li rajtu!

F'dan l-artiklu ser immissu daqsxejn b'idejna l-ħajja tal-bidwi illi fiha tant sagrifiċċji u xogħol iebes però wkoll ħafna sodisfazzjon! Permezz tal-attività hawn taħt għandna nieħdu idea ta' kemm il-bidwi jdum jieħu ħsieb il-prodotti li jkabbar. Se nieħdu idea wkoll tal-isfidi li jiltaqa' magħhom sabiex aħna nkunu nistgħu nsibu frott u ħaxix frisk fuq il-mejda tal-kċina tagħna. Hawn taħt ser niskopru kif inkabbru l-patata u t-tewm ġewwa darna. Ħudu gost u saqsu għall-għajnuna ta' min qed jieħu ħsiebkom meta tibdew din l-attività.

### It-tkabbir tal-patata

Din l-aħjar li tinżera' fi żmien ir-rebbiegħa u tikber fi żmien xahrejn jew tlieta.

**X'għandek bżonn?**

- Kontenitur bħal basket/barmil/xkora li jżomm minn tal-inqas 10 litri ilma fih. Dan għandu jkun imtaqqab minn taħt sabiex ikun jista' jgħaddi l-ilma minnu meta nsaqqu (saqsu lill-ġenituri għall-għajnuna hawnhekk)
- Kompost
- Patata



patata wiċċha 'l fuq minn fejn qed tinbet

**Metodu ta' tkabbir**

**Il-patata**

Kull patata għandha l-għajn. Ara fejn hi l-għajn u itfa' l-patata ġo kartuna tal-bajd bl-għajn 'il fuq. Wara li titfa' l-patata kollha li biħsiebek tiżra', kemm tħalliha ġo xi tieqa fejn tara x-xemx sakemm tibda tnixxi. Ħalli t-tnixxija tikber madwar 2.5ċm u ħalli massimu ta' 3 tnixxijiet fuq l-istess naħa u l-oħrajn aqtagħhom.

**Il-kontenitur tal-ħamrija**

Fil-kontenitur jitqiegħdu madwar 8ċm ta' kompost bħala bażi.

**Niżirgħu l-patata**

Fuq il-kompost jistgħu jitqiegħdu tliet patatiet għaliex għandu jitħalla spazju mhux ħazin minn patata għal oħra. Importanti illi l-patata jkollha l-għajn tħares 'il fuq sabiex il-pjanta tikber 'il fuq, fil-wiċċ fejn narawha aħna. Wara nitfgħu ngħattu l-patata b'madwar 6ċm ta' kompost.

**Ilma u fejn tinżamm**

Il-kontenitur għandu jinżamm f'post fejn jara mqar 8 sigħat xemx kuljum, bħal f'xi gallarija, bitħa jew ġardina. Din għandha tissaqqa minn tal-inqas darba/darbtejn fil-ġimgħa għaliex ma jridx ikollha ħafna ilma. Dan jiddependi wkoll mill-qawwa tax-xemx.

**Ngħattu l-pjanti li jitilgħu**

Malli l-pjanta titla' bejn 15 u 30ċm għattija bil-kompost u ħalli tidher biss 2.5ċm mill-pjanta. Dan il-proċess għandu jirrepeti ruħu sakemm il-kontenitur jimtela.

**Ħsad**

Xahar wara li l-pjanta toħroġ il-fjuri jew wara li jidbielu nistgħu neqilbu l-kontenitur u nieħdu l-patata illi nkunu rnexxielna nkabbru.

Filmat: https://www.youtube.com/watch?v=wrcPaPtTzHc

### It-tkabbir tat-tewm

It-tewm l-aħjar li jinżera' bejn Novembru u Diċembru u t-tkabbir jieħu madwar 9 xhur.

X'Għandek bżonn?

- Kontenitur ta' madwar 20ċm fid-dijametru. Dan irid ikun bit-toqob minn taħt sabiex jgħaddi l-ilma
- 4 sinniet kbar tat-tewm mhux imqaxxra
- Kompost

**Metodu ta' tkabbir**

Imla naqra iktar minn tliet kwarti tal-kontenitur bil-kompost u xarrbu sakemm tarah umdu. Taqqab toqob imbiegħda bejn 10-15-il ċentimetru minn xulxin u fondi b'tali mod li toqgħod f'kull toqba sinna ta' tewma. Aqbad l-irjus tat-tewm bil-biċċa tal-ponta 'l fuq u itfa' waħda f'kull toqba. Għattiha bil-ħamrija u erġa' agħtihom l-ilma. Saqqi b'talli mod illi l-ħamrija ma tkun xotta qatt però lanqas mifqugħa bl-ilma.



Tewm miżrugħ wiċċu 'l fuq ġewwa kontenitur

It-tewm ikun lest sabiex jinqala' meta l-bastun li jikber ikun sfar jew jibda jinxef.

# Riċetti

REĠISTRU NAZZJONALI TA' PRODOTTI AGRI-ALIMENTARI TRADIZZJONALI TA' MALTA U GĦAWDEX

## Il-Balbuljata

**Informazzjoni fuq il-metodu ta' preparazzjoni**

Il-balbuljata ssir billi l-ewwel jitqatta' l-basal irqiq u jitqalla'. Wara jiżdied it-tadam imqaxxar u mqatta', ftit bżar u melħ u jkompli jitqalla' mal-basal. Hekk kif isir, jiżdied il-bajd imħabbat u jitħawwad mal-kumplament tat-taħlita sakemm isir il-bajd.



## L-Istuffat tal-Qarnit

**Informazzjoni fuq il-metodu ta' preparazzjoni**

L-istuffat tal-qarnit isir billi l-ewwel titgħalla l-qarnita fi ftit ilma fuq nar baxx. Ġo taġen jitqalla' l-basal u t-tewm fiż-żejt taż-żebbuġa sakemm jieħdu lewn ħamrani. Wara, dawn jitpoġġew f'kazzola flimkien mal-qarnita, mat-tadam, mal-patata, mat-tursin, mal-kunserva, maż-żebbuġ, mal-weraq tar-rand, man-nagħniegħ, ma' ftit inbid, maz-zokkor, mal-bżar u mal-melħ. Dawn jitħallew isiru fuq nar baxx għal madwar ħamsin minuta. L-istuffat tal-qarnit jisserva flimkien mal-ispagetti bi ftit tursin imqatta' fil-wiċċ.





## Il-Pulpetti tal-Makku

**Informazzjoni fuq il-metodu ta' preparazzjoni**

Il-pulpetti tal-makku jsiru billi l-ewwel jitqalla' l-basal. Wara, dawn jitħawdu mal-makku, mal-patata mgħollija mgħaffġa, mal-lumi maħkuk u ma' xi ħwawar. Minn din it-taħlita jinħarġu pulpetti żgħar li jinksew bid-dqiq u wara jinqlew fiż-żejt taż-żebbuġa. Dawn jiġu servuti biz-zalza tal-kappar.



## It-Tin Imqadded

**Informazzjoni fuq il-metodu ta' preparazzjoni**

Għall-preservazzjoni tat-tin b'dan il-metodu, it-tin jiġi maqtugħ min-nofs u jitpoġġa ħdejn xulxin ġo tilari fix-xemx. Biex jitqadded dan jieħu madwar erbgħa jew ħamest ijiem. Ladarba jinxef, dan jinħażen ġo kontenituri.



MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA
SAJD, U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI